GHASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Ghasri, Ghawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/14*

Minuti tal-Laqgha Nru. 14 tal-Kunsill Lokali Ghasri (is-Sitt Terminu), li nzammet nhar it-Tlieta, 26 ta' Mejju 2009 fis-7.30p.m. fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu prezenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

**I. Talba**

Fil-bidu tal-laqgha s-Segretarju qal it-talba.

**II. Minuti**

**I. Approvazzjoni**

Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-ahhar Seduta Nru. 13. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgha, dawn gew mehuda bhala moqrija.

**2. Emendi**

Ghal dawn il-minuti ma tressqux proposti ghal emendi. Ghalhekk dawn gew mehuda bhala korretti kif ipprezentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

**III. Materji mill-Minuti**

**1. "Flower Bed" fi Triq l-Ghasri**

Hekk kif kien lest it-tqeghid tal-katusi tad-drenagg fi Triq il-Wilga sa Triq Wied Sara, kienu qed isiru l-preparamenti halli t-triq tinghata kisja tarmac mill-gdid.
Is-Sindku qal li kien f'dan il-mument li kienet giet l-idea li jitnehhew dawk ix-xtieli kbar u li kienu qed izommu hafna hmieg fil-bidu ta' Triq l-Ghasri halli minflokhom issir "flower bed" u fl-istess waqt l-area ta' madwarha tinghata t-tarmak. B'hekk kien se jitnehha hafna haxix u tiben li kien jingema' fl-inhawi.
Fil-fatt kien tqabbad il-kuntrattur halli jaqla' ix-xtieli kollha, jithammel il-wicc tal-hamrija antika u tintefa' hamrija gdida.
Hekk kif kien tlesta dan ix-xoghol tqabbdet persuna biex thawwel diversi xtieli ta' ghamla varjata u li johorgu l-ward. Dawn ix-tieli mbaghad tqeghditilhom pipe halli jkunu jistghu jissaqqew fuq arrangamenti li ntlahqu ma' bdiewa li ghandhom ghelieqi fil-vicinanza.

**2. Tiswijiet fit-Toroq**
It-tiswijiet tat-toroq fl-Ghasri baqa' ghaddej u issa fadal li jsiru xi tiswijiet fit-Triq tal-Bajjada fin-nizla tal-Migra.
**3. Fanal ta' Gordan**
Fuq dan is-suggett, is-Sindku qal li kif jaf il-Kunsill hu personalment kellu laqghat fl-Ufficcju tal-Prim Ministru fil-prezenza tas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said kif ukoll ufficcjali ohra mill-Maritime Authority fejn kien miftiehem li ghandu jibda process halli kellettivament u bil-partecipazzjoni ta' organizzazzjonijiet ohra jsir program halli jibda r-restawr fil-Fanal ta' Gordan.
Gara izda li wara dawn il-laqghat, minghajr ma l-Kunsill kien informat, l-ghaqda Din l-Art Helwa, ressqet applikazzjoni ghal restawr u dan minghajr ma konna b'xi mod informati. Is-Sindku qal li hu kien baghat nota biex juri d-dizappunt tal-Kunsill li beda r-restawr minghajr ma konna kkonsultati.
Sadanittant, ir-restawr diga beda u fil-fatt qed ikun hemm haddiema jaghmlu xi xoghlijiet fil-Fanal.
**4. Laqgha tal-Lokalita**
Din il-laqgha nzammet kif kien miftiehem nhar l-Erbgha 6 ta' Mejju 2009 fis-7.00p.m. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm attendenza mill-pubbliku.
**5. Bini tal-Hajt fi Triq il-Fanal**
Il-kostruzzjoni ta' dan il-hajt tul parti minn Triq il-Fanal, diga beda u l-Kunsill kien assigurat mill-kuntrattur li x-xoghol ghandu jitlesta sa qabel il-Festa tal-Parrocca.
**6. Partecipazzjoni fil-LAG**
Il-hlas ta' €100 biex dan il-Kunsill Lokali jkun membru partecipanti fil-LAG bhala grupp f'Ghawdex, gie mghoddi lis-Sur Joseph Cordina (Sindku tax-Xaghra) bhala t-tezorier ta' l-istess grupp.

**IV. Korrispondenza**

i. Memo 33/2009 li tispjega r-regolamenti tal-Kunsilli Lokali dwar il-processi ta' gemellaggi.
ii. Ittra minn Victor Vella Muscat fejn qed joffri ghall-bejgh ktieb dwar il-bennej Vitor Vella.
iii. Avviz ghal-laqgha tal-Kumitat Kongunt tad-Dwal tat-Toroq ghal nhar il-Gimgha 29 ta' Mejju 2009 fis-2.00p.m. fil-Kunsill Lokali Zebbug.
**iv.** Applikazzjoni ghal permess ta' l-izvilupp biex isiru tiswijiet fil-bini ezistenti fil-genb tal-Gholja ta' Ghammar.
**v.** Il-Gozo Channel baghtet tinformana li kienet qed taccetta t-talba ta' dan il-Kunsill illi jinghata rohs fuq il-biljetti tal-vapur ghal meta jkunu jivvjaggaw il-grupp tal-gemellagg.
**vi.** L-AKL baghtet tinformana li qed titlob il-hlas ghall-iskema tas-sahha ghas-sena 2009 tal-membri u mpjegati tal-Kunsill.

**V. Mozzjonijiet**
**1. Attivitajiet konnessi mal-Festa u Gemellagg**
Il-Kunsill Lokali bhal kull sena se jzomm diversi attivitajiet halli nippartecipaw fil-festa tal-parrocca.

Diga thejja program ta’ attivitajiet u f’dan se jkun hemm inkluz il-perijodu li matulu se jkollna grupp ta’ persuni mill-Awstrija u li maghhom il-Kunsill qed jaghmel il-preparamenti halli fil-futur inkunu nistghu niffinalizzaw ftehim ta’ gemellagg.
Minn dan il-gemellagg il-Kunsill qed jara li l-lokalita taghna tkun tista’ tgawdi minn diversi beneficcji fosthom dawk edukattivi, agrikoli u kulturali kif ukoll ghajnuna f’oqsma differenti minn applikazzjonijiet ghal fondi tal-EU.
Fil-fatt diga kienet tressqet applikazzjoni lill-EU ghal fondi biex inkunu nistghu nospitaw lill-grupp li se jkollna fostna. Din l-applikazzjoni issa giet accettata u issa jkun imiss li jintbaghtu l-formoli mehtiega halli ninghataw l-ammont applikat li kien accettat.
Il-Kunsillieri kollha nghataw program ta’ l-attivitajiet li gew imhejjija ghal waqt iz-zjara tal-grupp. Dawn se jkunu qed joqghodu fil-Villagg tal-Fanal u ghalhekk se jkunu fil-lokalita taghna stess. Il-programm imhejji hu estensiv hafna u varjat u fih se jkollna zjarat u partecipazzjoni tal-grupp kollu f’diversi hargiet u viziti f’postijiet kulturali u edukattivi.

**VI Materji Ohra**

**1. Thejjija ghal “Skola Sajf”**

Dan il-progett isir kull sena fost it-tfal tal-lokalita taghna u ghalhekk fil-laqgha ta’ wara l-festa, l-Kunsill ghandu jiddiskuti t-thejjija ta’ dan il-programm.

**VII. Hlas ta’ Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta’ pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill.
L-iskeda kif ipprezentata giet accettata mill-Kunsill.
Kopja ta’ din l-iskeda qed tinhemez mal-minuti.

Il-laqgha tal-lum intemmet fit-9.00p.m.

Andrew Vella
Sindku

Joe Camilleri
Segretarju Ezekuttiv

Data : _________________